MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1226/2002

**Salvino sive Sanny Fenech u Annunziata sive Lorenza Fenech.**

**-vs-**

**Emmanuel Bonnici, Francis Bonnici, Alfred Bonnici, Mario Ghigo, Godwin Ghigo, u Dr. Martin Fenech u l-P.L. Hilda Ellul Mercer b'digriet ta' l-20 ta' Novembru, 2002 gew nominati kuraturi deputati, sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Michael Bonnici, Carmen Spiteri u Emily Spiteri.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-31 ta' Ottubru, 2002 li permezz tieghu l-atturi esponew:

Illi ghal snin twal, l-atturi irrendew servizzi u pprestaw servigi lill-qraba tal-konvenut, senjatament Bernardette Bonnici u Mary Bonnici.

U illi l-atturi qatt ma thallsu ghal dawn is-servigi pprestati u s-servizzi rezi u qatt ma thallsu ghall-ispejjez kollha illi ghamlu.

U illi l-konvenuti gew debitament interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u l-hlas tal-kumpens dovut lill-atturi, izda l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-atturi irrendew servizzi u pprestaw servigi lill-Bernardette Bonnici u lil Mary Bonnici.

2. Tiddikjara illi l-konvenuti huwa responsabbli ghall-hlas tal-kumpens dovut lill-atturi ghas-servizzi minnhom rezi u ghas-servigi minnhom pprestati u ghall-ispejjez kollha illi neffqu in vista tal-premess.

3. Tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi mill-konvenuti ghas-servizzi minnhom rezi u s-servigi minnhom ipprestati.

4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti l-kumpens minnhom dovuti lill-istess atturi ghas-servizzi minnhom rezi u ghas-servigi minnhom ipprestati.

Bl-ispejjez, nkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Lulju, 2002, kontra l-konvenuti li huwa minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-13 ta' Jannar, 2003 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxew:

1. Illi primarjament, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili ghar-rigward tas-servigi allegatament rezi lil Bernardette Bonnici billi mietet fis-16 ta' Lulju 1983 u cioe' madwar ghoxrin sena ilu.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur Salvino sive Sammy Fenech huwa ghall-kollox estraneu ghal din il-kawza u ghalhekk m'ghandu l-ebda *locus standi*.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq espost, jigi eccepit illi l-eccepjenti jafu, *di scienzia propria*, illi l-attrici Annunziata sive Lorenzo Fenech tirrendi s-servizzi indikati fl-att tac-citazzjoni fuq bazi regolari ma hafna nies u ghal-liema servizzi hija tkun ben ikompensata. Illi ghas-servizzi kollha li setghet irrendiet lill-mejtin Bernardette Bonnici u Mary Bonnici, hija giet adegwatament ikkumpensata.

4. Illi minghajr pregudizzju ghal dak gia espost, jekk ghall-mertu ta' l-argument l-attrici setghet irrendiet servigi li ghalihom ma gietx ikkumpensata, hija m'hijiex intitolata ghal ebda kumpens u dan billi dawn is-servigi kienu ta' natura minima u gew rezi b'mod gratuitu.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu, 2004 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza ghall-hlas ta' servigi. L-atturi qed jitolbu kumpens ghal servigi li qed jallegaw illi rrendew lill-omm l-attrici Bernardette Bonnici li mietet fl-1983 u oht l-attrici Maria Bonnici li mietet fis-sena 2000.

Il-provi f'din il-kawza ngabru mill-assistent gudizzjarju barra seduta wahda li saret quddiem il-Qorti. L-attur fix-xhieda tieghu fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2003 qal li huma zzewgu fl-1973 u fis-snin kollha li kienu mizzewga kienu jmorru darbtejn fil-gimgha ghand omm il-mara u kienet tmur minn fil-ghodu biex taghmlilha xi xiri u tahsel u tnaddaf id-dar. Dak iz-zmien hut martu kienu kollha msiefrin. Il-konvenut Alfred Bonnici ukoll kien imsiefer u gie lura xi ghaxar snin ilu. Dan pero' qatt ma ta xi ghajnuna lil ommu u kien kull tant imur izurha. Darba fil-presenza tieghu kellu xi jghid ma' oht il-mara tieghu Evelyn Ghigo li kienet prokuratrici ta' ommha u akkuzaha li baghbset xi flus. Din Evelyn Ghigo mietet qabel Maria Bonnici. L-attrici fl-istess seduta qalet li kienet tmur ghand ommha fis-7 30 a.m u ddum sal-5.30 p.m. Meta mietet ommha baqghet taghmel l-istess ma' ohtha. Iddeskriviet dak li kellha taghmel ma ohtha minhabba illi din kellha karattru partikolari. Hutha l-ohra kollha kienu msiefrin u zewgha kien imur ghaliha fil-ghaxija. L-istess zewgha kien jaghmel xi xoghol ta' *maintenance* fid-dar ta' ohtha. Il-pensjoni lill-ohtha ma kienitx isserviha ghaliex kienet tilghab hafna lottu.  Ghalhekk qatt ma kkompensatha.

Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003 xehed Charles Sammut li huwa iben l-attrici. Dan ftit jew wisq ikkonferma dak li qalet ommu u missieru tar-rispett.

Fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2003 xehdet Tessie Piscopo li qalet li kienet gara ta' Mary Bonnici taf li l-attrici kienet tmur

tahsel lil ohtha darbtejn f'gimgha. Barra minn hekk kienet ukoll taqdiha. Xehed ukoll it-tabib Dottor Vincent Moran illi qal li kien jaf lill mejta u li l-attrici kien gie li raha ghand ohtha. Fuq il-mejta qal hekk; *ma kienitx f'qiegh ta' sodda. Kienet tiehu hsieb taghha nnifisha imma kienet xiha, dejjem bir-riservi illi xi ghajnuna dejjem kien ried ikollha, pero' tiehu hsieb taghha nnifisha, tinhasel. Dejjem meta dhalt dejjem tiehu hsieb taghha nnifisha, mhux traskurata.*

Fis-seduta tas-16 ta' Dicembu, 2003 xehdet il-konvenuta Mary Bonnici. Qalet li l-mejta Mary Bonnici kienet oht zewgha u l-istess konvenuta u zewgha gew lura Malta fl-1992 ghaliex kienu emigrati. Qalet ukoll illi ghalkemm ma tantx kienet tmur ghand il-mejta, kull meta kienet tkun ma tiflahx kienet tohdilha xi ikel. Qalet li l-attrici kienet tmur tghinha u kienet thallasha u li l-istess attrici kienet taghmel dan ukoll ma' nies ohra li semmiet. Fis-seduta tat-22 ta' Lulju, 2004 regghet xehdet Mary Bonnici li qalet illi l-mejta Mary Bonnici kienet qaltilha tmien snin qabel li kienet taghti Lm5 lill-attrici talli kienet tmur tghinha u wara ziditha ghal Lm10. Dan ikkonfermah il-konvenut Alfred Bonnici meta xehed fl-istess seduta. Rigward l-attur jaf biss li darba zebghalha l-kcina u Mary Bonnici (il-mejta) taghtu Lm7. Finalment fis-seduta ta' quddiem il-Qorti li saret fl-1 ta' Dicembru, 2004 xehed il-konvenut Emanuel Bonnici in kontro-ezami.

Il-konvenuti qed jopponu erba' eccezzjonijiet ghat-talbiet tal-atturi u cioe' il-preskrizzjoni fir-rigward ta' servigi li setghu gew rezi lil Bernardette Bonnici billi din ilha mejta mill-1983, li l-attur ma ghandhux *locus standi* ghaliex ma rrenda ebda servigi, li l-attrici giet kompensata ghal servigi li setghet rendiet u li jekk ma gietx kompensata dan ifisser li gew rezi gratwitament.

Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni, din tidher li hija fondata. Ma hemmx kontestatazzjoni infatti, li omm il-kontendenti

Bernardette Bonnici giet nieqsa fl-1983 u l-kawza giet istitwita fl-2002 u huwa pacifiku li f'kawzi simili l-preskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkwennali. Kif gie spjegat fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet <u>Cecilia Darmanin et vs Mary Fatima Vassallo</u> fis-27 ta' Frar, 2003;

*Dwar il-preskrizzjoni ... ghandu jinghad li f'kaz ta' servigi u prestazzjonijet varji l-preskrizzjoni li normalment tapplika f'kazi simili hija dik kwinkwennali... Ghax talba simili ma hix ghall-hlas tal-prezz konvenut ghal xi bicca xoghol determinata li min jitlob dan il-hlas ghandha taghml dak il-hlas; izda ghall-kumpens likwidabbli mill-Qorti ghal servigi u prestazzjonijet varji rezi f'okkazzjonijet diversi matul certu perjodu u gie dejjem ritenut li l-preskrizzjoni applikabbli ghal din l-azzjoni hija dik ta' hames snin.*

Fil-kors tal-gbir tal-provi ma giet imressqa ebda prova li dan il-perjodu preskrittiv gie nterrot anzi anke l-istess atturi kkoncentraw il-provi taghhom fir-rigward tas-servigi prestati lil Mary Bonnici. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward ta' servigi rezi lil Bernardette Bonnici ser tigi milqugha.

Fi-rigward tal-attur huwa veru li skond il-provi kienet l-attrici li kienet taqdi lil ohtha, izda l-attur kien jiehu l-inkarigu li jwassalha kull fil-ghodu u jerga' jmur ghaliha fil-ghaxija bil-karozza tieghu. Wiehed jista' liberament jghid li kieku dan ma kienx jaghmlu, il-kompitu tal-attrici kien ikun iktar difficli. Ghalhekk il-Qorti thoss li certament l-attur ghandu *locus standi* u kien jippartecipa fis-servigi rezi.

Fil-verita' l-eccezzjonijiet l-ohra jikkonfermaw li servigi gew rezi ghaliex il-konvenuti mhux qed jallegaw l-oppost, izda li l-attrici giet imhallsa u jekk ma gietx imhallsa dan ifisser li kienet qed taghmel kollox gratwitament ossija kif kien jinghad fl-antik kienu gew prestati *pietatis vel familiaritatis causa*.

Il-Qorti thoss li ghandha tibda mill-ahhar argument biex issegwi sekwenza logika. Huwa minnu li sa certu zmien il-Qrati kienu jiehdu bhala presunzjoni il-gratuwita’ f’kazi simili fejn ir-relazzjoni bejn min jippresta s-servigi u min igwadi minnhom tkun intima. Din il-presunzjoni pero’ ilha li nqalbet. Infatti l-Qorti tal-Appell f’sentenza moghtija fl-1 ta’ Dicembru, 1958 fil-kawza fl-ismijiet Gio Maria Zammit vs Dr. Joseph Vella nomine, irriteniet illi;

*Fil-gurisprudenza iktar recenti, anke ghar-rigward tal-parenti gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta’ kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita’ sija pure minhabba relazzjoniet ta’ parentela.*

Fil-verita’ hafna drabi anke meta jkun hemm parentela mill-qrib, min jippresta s-servigi jaghmilhom bi skop li jekk ma jithallasx f’dak iz-zmien stess, jigi kumpensat mill-persuna l-ohra wara mewtha. Huwa meta dan ma jsehhx li jsiru l-kawzi. Ghalhekk dan l-argument u cioe’ li jekk l-attrici ma thallsitx kienet qed taghmel kollox *ex gratia*, ma jistax jigi accettat.

Fir-rigward ta’ jekk l-attrici kienitx tithallas, il-provi ma tantx huma cari. L-attrici ssostni li qatt ma giet kompensata u hadd mill-konvenuti ma hu f’posizzjoni li jghid jekk dan kienx isir ghaliex kollha huma jew kienu msiefrin ghal zmien twil. Il-konvenuti jsostnu li l-attrici kienet taghmel dan ix-xoghol bi hlas ma’ haddiehor u allura jippresumu li kienet taghmel l-istess ma’ ohtha. Izda dan ma hux pruvat sodisfacentement ghalkemm ix-xhud Tessie Piscopo qalet li kienet taf li Mary Bonnici kienet taghti flus lil ohtha izda ma hijiex certa jekk dan kienx ikun akkont tax-xiri li kienet taghmlilha. Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li ghalkemm zgur sar xi hlas dan ma kienx b’kumpens totali. Dan ifisser li l-mejta kienet kull tant tghaddi xi haga tal-flus lill-attrici biex turiha li tapprezza dak li kienet qed taghmel maghha izda dan ma jfissirx li din kienet qed

tithallas ghal kollox adegwatament. Il-Qorti pero' ser tiehu dan in konsiderazzjoni meta tigi biex tillikwida l-ammont dovut.

Jibqa' allura l-kwistjoni ta' kemm ghandha tkun is-somma li biha ghandhom jigu kumpensati l-atturi. F'dan ir-rigward il-Qorti ser tirriproduci brani mis-sentenza moghtija minnha fis-6 ta' Dicembru, 2004 fil-kawza fl-ismijiet Gatt vs Azzopardi nomine fejn qalet;

*Kif din il-Qorti rriteniet fil-kawza fl-ismijiet Vassallo vs Aquilina (29 ta' Gunju, 1982) fir-rigward tal-kumpens, wiehed ghandu jzomm f'mohhu;*

*1. Il-frekwenza u x-xorta tas-servigi;*

*2. il-mezzi tal-konvenut jew decujus illi ibbenefika mis-servigi u l-parentela bejn il-partijiet;*

*3. Konsiderazzjonijiet ohra li xi drabi gew konsiderati huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess sahhtu biex jaqdi lil haddiehor, jekk humiex xi affarijiet li kullhadd jista' jidhol ghlaihom u jekk il-qaddej jinkorrix spejjes li taghhom ma giex rimborzat.*

Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Catania vs Agius fil-11 ta' Dicembru, 2003 intqal;

*Wiehed jista' jsib illi l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti fenominali u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta' parentela bejn il-partijiet u anke ghaliex it-talba ghall-hlas ta' servigi kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Delicata vs Saliba deciza fit-22 ta' Mejju, 1989 hi bazata fuq kwazi kuntratt u mhux fuq kuntratt illi nholoq bejn min irendi s-servigi u l-benficcjarju u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li ftit jew wisq*

*inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi rezi u l-hlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xoghol li sar izda adegwat mehud kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz.*

F'dan il-kaz ghalkemm hemm provi dwar l-ewwel u l-ahhar fattur fuq imsemmi ma ngabu ebda provi dwar ic-cirkostanzi ekonomici tal-mejta hlief li l-pensjoni ma kienitx isserviha ghaliex tilghabha lottu. Ghalhekk il-Qorti ser ikollha tiddeciedi fuq il-provi migbura.

Ma hemmx dubbju li ghall-ahhar kwazi ghoxrin sena ta' hajjet il-mejta, l-atturi kienu jiehdu hsiebha billi l-attur kien iwassal lill-attrici biex din taghmel gurnata ghand ohtha halli taghmlilha xi bzonnijiet. Dwar in-natura tax-xoghol jidher li kienet taghmlilha x-xirja u l-hasil. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-inflazzjoni li bil-fors ikun hemm fuq perjodu daqshekk twil il-Qorti thoss li bejniethom l-atturi kien ikun jixirqilhom hlas ta' mitejn Lira Maltin (Lm200) fis-sena ekwivalenti allura ghal tlett elef u erba' mitt Lira Maltin (Lm3,400) izda minhabba l-fatturi li ser jissemmew din is-somma ser tigi ridotta ghal elf u tmien mitt Lira Maltin (Lm1,800) u ser taqsamhom kwantu ghal elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500) lill-attrici u tlett mitt Lira Maltin (Lm300) lill-attur. Dan minhabba l-parentela stretta li kien hemm bejn il-partijiet, minhabba li l-mezzi tal-mejta ma jidhirx li kienu wisq kbar u minhabba l-fatt li kif gia' inghad, il-Qorti hija certa li minn zmien ghal zmien il-mejta kienet taghti xi haga tal-flus lill-attrici.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti fil-waqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra u tilqa' t-talbiet attrici fir-rigward ta' servigi resi lil Mary Bonnici izda tichadhom fir-rigward ta' servigi resi lil Bernardette Bonnici u ghalhekk;**

**1. Tiddikjara li l-atturi rrendew servigi lill-mejta Mary Bonnici;**

**2. Tiddikjara l-konvenuti responsabbli ghall-hlas ta' kumpens dovut lill-atturi ghas-servizzi minnhom rezi u prestati u spejjes relatati;**

**3. Tillikwida l-ammont dovut ghas-somma ta' elfejn lira (Lm2,000) kwantu ghal elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500) lill-attrici u tlett mitt lira (Lm300) lill-attur;**

**4. Tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu s-somma ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500) lill-attrici u tlett mitt Lira Maltija (Lm300) lill-attur;**

**L-ispejjes ghandhom jinqasmu kwantu ghal nofs mill-atturi u nofs mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------